MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## PHILIP SCIBERRAS

Seduta tas-16 ta' Gunju, 2003

Citazzjoni Numru. 279/2000/1

**Doris Grech f'isimha proprju u f'isem il-minuri bhala kuratrici *ad litem* nominata mill-Qorti b'digriet tas-6 t'April 2000**

***-vs-***

**Joseph Bugeja**

**Il-Qorti;**

Rat l-att tac-citazzjoni li bih l-attrici *proprio et nomine* premessi d-dikjarazzjonijiet necessarji u moghtija l-provvedimenti opportuni;

Premess illi l-partijiet kellhom relazzjoni u minn din ir-relazzjoni twieled tifel li jismu Dillon Bugeja;

Premess illi t-tifel ghandu kunjom il-missier u l-istess konvenut il-missier gie kkonfermat illi huwa l-missier wara ezamijiet tad-DNA;

Premess illi bid-digriet moghti mill-Onorabbli Qorti tas-Sekond' Awla l-attrici ottjeniet digriet fejn il-konvenut gie ordnat li jhallas l-ammont ta' tletin lira Maltin (Lm30) fix-xahar bhala manteniment tal-minuri Dillon;

Talbet ghalhekk l-attrici *proprio et nomine* lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:-

1. Tiffissa manteniment ghall-minuri;

2. Tikkundanna lill-konvenut ihallas dan l-ammont ta' manteniment lill-attrici fil-modalitajiet li thoss xierqa din il-Qorti u okkorrendo direttament mill-paga tieghu;

Bl-ispejjez kontra l-konvenut;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-istess attrici *proprio et nomine* u l-lista tax-xhieda minnha indikati;

Rat illi l-konvenut ghalkemm debitament notifikat, baqa' ma pprezentax in-nota ta' l-eccezzjonijiet tieghu;

Semghet lix-xhieda prodotta;

Rat l-atti kollha tal-process;

Ikkonsidrat:-

Din hi azzjoni promossa mill-attrici fl-interess tat-tifel minuri taghha li b'sentenza ta' dina l-Qorti tas-27 ta' Novembru 1998 (fol. 32) gie stabbilit ukoll li huwa l-iben naturali tal-konvenut bis-sahha tar-rizultanzi ta' l-ezami

tad-DNA (fol. 44), Azzjoni bhal din li timponi b'obbligu s-somministrazzjoni tal-manteniment mill-genitur naturali ghandha bhala fonti immedjat taghha l-fatt innifsu tal-prokrejazzjoni kif ukoll l-istatus formali ta' iben naturali;

Dan l-obbligu jinserixxi ruhu f'dak generali tal-manteniment traccjat fil-Kodici Civili, rikollegat fl-Artikoli 5 u 7 u mhux eskluz li tali obbligu tal-manteniment jinvesti wkoll suggetti diversi mill-genituri, *ad exemplum*, l-axxendenti (Artikolu 12);

Naturalment il-mizura tal-manteniment, komprensiv ta' dak li jinghad ukoll fl-Artikolu 19 tal-Kapitolu 16, tiddependi mid-disponibilita` tal-genituri, tenut rigward tac-cirkostanzi ekonomici taghhom, kompriz il-qligh minn xoghol. Il-kalkolu, imbaghad, irid jiehu in konsiderazzjoni wkoll il-bzonnijiet tal-persuna li trid tigi alimentata, u l-varjabilita` ta' dawn l-istess bzonnijiet fil-kors tal-hajja u ta' l-izvilupp tal-minuri;

Fil-kaz prezenti jirrizulta li l-konvenut kontumaci huwa mpjegat bhala *truck driver* mal-kumpanija Rite Mix (Gatt Bros.) Ltd u li l-paga bazika tieghu hi ta' mija u erba' liri (Lm104) fil-gimgha. Ara deposizzjoni ta' Michael Vassallo (fol. 58);

Jirrizulta inoltre illi l-attrici ma tahdemx. Dan skond ma stqarret fix-xhieda taghha (fol. 27);

Jirrizulta wkoll illi llum il-minuri iben ghandu tmien (8) snin u li gja b'digriet tas-Sekond' Awla tat-23 ta' Dicembru 1999 (fol. 29) dik il-Qorti kienet hemm akkordat ghall-manteniment tieghu r-rata ta' tletin lira (Lm30) fix-xahar;

Tenut rigward ta' dak precizat fl-Artikolu 19 tal-Kodici Civili u cjoe il-htiega tal-manteniment ghall-ikel, ilbies, sahha u spejjez korrelatati ghas-sahha u edukazzjoni, u konsiderati l-fatturi fuq imsemmija, senjatament il-qliegh minn impjieg rimunerattiv tal-konvenut, il-Qorti tqis bhala

kalkolu gust u ghall-ahjar vantagg tal-minuri r-rata ta' manteniment ta' hamsa u hamsin lira (Lm55) fix-xahar. Din is-somma tkun tista' tigi percepita direttament minghand kull principal tal-konvenut.

Ghal dawn il-motivi;

Taqta' u tiddeciedi l-kawza billi tilqa' l-ewwel domanda u tiffissa l-manteniment dovut ghall-minuri fir-rata ta' hamsa u hamsin lira Maltija (Lm55) fix-xahar;

Tilqa' t-tieni talba u b'hekk tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attrici fl-interess tal-minuri r-rata ta' manteniment fuq iffissata.  Dan l-ammont ghandu jithallas puntwalment fil-bidu ta' kull xahar mill-konvenut direttament jew a xelta ta' l-attrici *nomine* permezz ta' hlas mill-paga tieghu minn min ihaddmu.

L-ispejjez tal-kawza ghandhom jigu sopportati mill-konvenut.

--------------------------------TMIEM--------------------------------